# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 139/2021: **NO DEPOSIT CARS MALTA LIMITED (C85780) V. PETRU MELINTE (KI. 201598A)**

(AMMONT DOVUT – KAPITOLU GĦAS-SUBIZZJONI)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**19 ta' Frar 2024**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' No Deposit Cars Malta Limited ("il-kumpanija rikorrenti" jew "ir-rikorrenti") ippreżentat fil-25 ta' Mejju 2021[1] li permezz tiegħu talbet lil Petru Melinte ("l-intimat") sabiex jidher fid-data appuntata għas-smiegħ u jgħid 'l għaliex m'għandux jiġi kkundannat li:

> **'jħallas l-ammont ta' disat elef, ħames mija u erbgħin euro (€ 9,540) oltre l-interessi sad-data effettiva tal-ħlas, liema ammont hu rappreżentanti l-ħlas tal-bilanċ dovut fuq il-prezz tal-vettura Citroen C1 bin-numru ta' reġistrazzjoni LQZ 816, liema vettura ġiet akkwistata minnek permezz ta' kuntratt ta' *"hire purhase"* bejn il-partijiet datat dsatax (19) ta' Mejju, elfejn u għoxrin (hawn anness).**
>
> **Bl-ispejjeż kontra l-konvenut inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru / 21 u bl-imgħax legali kontra l-konvenut li minn issa huwa nġunt in subizzjoni'**

wara li rat li bl-Ordni *in camera* tagħha tad-9 ta' Ġunju 2021[2] maħruġa skond l-Art. 173(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti *inter alia* ordnat lill-intimat sabiex jekk jixtieq jikkuntesta t-talbiet tar-rikorrenti jagħmel dan billi jippreżenta risposta entro għoxrin (20) ġurnata li jiġi notifikat bir-rikors promotur u b'dik l-Ordni,

wara li rat li l-intimat ġie notifikat bir-rikors promotur u bl-Ordni tagħha fit-12 ta' Diċembru 2022[3] iżda dan baqa' ma daħħal l-ebda risposta fil-perjodu stipulat,

---

[1] Fol 1-7
[2] Fol 9-10
[3] Fol 30

wara li rat bl-Ordni *in camera* tagħha tat-23 ta' Jannar 2023[4] maħruġa skond l-Art. 173(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti *inter alia* appuntat l-kawża għas-smiegħ għall-20 ta' Frar 2023 u dan sabiex il-kumpanija rikorrenti tressaq il-provi tagħha,

wara li semgħet ix-xhieda ta' Luke Milton mogħtija fl-20 ta' Frar 2023 u qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tiegħu[5],

wara li rat li l-intimat ġie notifikat bl-avviż tas-smiegħ fid-9 ta' Frar 2023[6],

wara li rat li fis-seduta tal-5 ta' Frar 2024 l-intimat ma deherx u ġie ppreżentat mir-rikorrenti bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti kapitolu għas-subizzjoni tal-intimat[7],

wara li rat illi l-intimat għal darb' oħra naqas milli jidher fis-seduta tad-19 ta' Frar 2024[8],

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-kumpanija rikorrenti qed titlob mill-intimat s-somma ta' € 9,540 rappreżentanti l-bilanċ tal-prezz tal-vettura Citroen C1 bin-numru ta' reġistrazzjoni LQZ 816, liema vettura ġiet mibjugħa lill-intimat permezz ta' kuntratt "hire purhase" iffirmat bejn il-partijiet fid-19 ta' Mejju 2020. Qed titlob ukoll l-imgħax u l-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru li apparentement ġie ppreżentat kontestwalment.

2. L-intimat, notifikata skond il-liġi, baqa' ma' daħħal l-ebda risposta. Fis-seduta tal-5 ta' Frar 2024 l-intimat ma deherx u ġie ppreżentat mir-rikorrenti bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti kapitolu għas-subizzjoni tal-intimat[9]. Fil-kapitolu, ir-rikorrenti talbet lill-intimat '*jipprova bil-ġurament li huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma u għar-raġunijiet indikati fir-rikors*'. Il-kawża imbagħad tħalliet għas-subizzjoni tal-intimat għad-19 ta' Frar 2024.

3. L-intimat għal darb' oħra naqas milli jidher fis-seduta tad-19 ta' Frar 2024 u dan sabiex iwieġeb għad-domanda tar-rikorrenti. [10]

**Il-liġi u l-każistika kif applikabbli għall-intimat f'din il-kawża**

4. L-Artikolu 171(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jitratta t-"*tmexxija fil-Qrati Inferjuri*" jipprovdi testwalment kif ġej:

---

[4] Fol 33
[5] Fol 35-37
[6] Fol 56
[7] Fol 57-58
[8] Fol 59
[9] Fol 57-58
[10] Fol 59

**'171 (2). Il-kawża għandha titmexxa sommarjament skont l-artikolu 215**. '

5. L-Artikolu 215 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta imbagħad jipprovdi b'riferenza għall-Qrati Inferjuri illi:

    **'215. Il-qrati msemmijin fl-artikolu 213 għandhom imexxu sommarjament bl-akbar ħeffa li tkun kompatibbli mal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, u għandhom iħarsu id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu, sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu joqogħdu mal-mod li bih għandu jitmexxa fil-qrati hawn fuq imsemmija bħal ma jingħad hawn fuq.'**

6. L-Artikolu 702(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi kif ġej:

    **'702 (1). Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha inferjuri, it-talba mill-attur għas-subizzjoni tal-konvenut issir fl-avviż imsemmi fl-artikolu 171.'**

7. L-Artikolu 699 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta però jipprovdi ukoll illi:

    **'699 (1). Fil-qrati kollha ta' kompetenza ċivili, il-kapitoli jsiru bil-miktub. Il-kapitoli għandhom jiġu approvati mill-qorti.**

    **(2) Il-kapitoli għandhom jiġu ppreżentati lill-qorti waqt is-smigħ tal-kawża għalbiex jiġu approvati'**

8. L-Artikolu 713 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid illi:

    **'713. Il-prova bil-mezz tas-subizzjoni tista' f'kull każ issir sew qabel kemm wara li jinġiebu provi oħra, sew fil-qorti tal-ewwel grad kemm fil-qorti fi grad ta' appell.'**

9. It-talba għas-subizzjoni tal-intimat saret mir-rikorrenti kemm fir-rikors promotur u kif ukoll fis-seduta tal-5 ta' Frar 2024.

10. Issa skond l-Artikolu 702(3)(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta *inter alia*, jekk il-parti, msejjħa għas-subizzjoni, ma tidhirx fil-jum mogħti għas-smigħ tal-kawża u l-pretenzjoni miġjuba quddiem il-Qorti tkun ta' aktar minn ħames mija u tnejn u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€ 582.34), kif inhu l-każ f'din il-kawża:

    **' 702 (3)(b) ... il-Qorti għandha tħalli l-kawża għal darb'oħra … u l-kapitoli kif ikunu ġew imniżżlin mill-qorti jitqiesu mistqarra kemm-il darba l-parti li tagħha tintalab is-subizzjoni, mingħajr ma tinġieb raġuni tajba għal dak in-nuqqas, terġa' tonqos li tidher fil-jum li għalih il-qorti tkun ħalliet il-kawża kif intqal. '**

11. Kif ingħad iżjed ‘l fuq, wara li ġie ppreżentat il-kapitolu għas-subizzjoni tal-intimat nomine fis-seduta tal-5 ta’ Frar 2024, din il-Qorti ħalliet il-kawża għas-seduta tad-19 ta’ Frar 2024 sabiex l-intimat iwieġeb għad-domanda tar-rikorrenti.

12. Meta fis-seduta tad-19 ta’ Frar 2024 l-intimat naqas għal darb’ oħra milli jidher sabiex iwieġeb għad-domanda tar-rikorrenti huwa effettivament ammetta illi huwa debitur tar-rikorrenti fir-rigward tal-ammont mitlub u għar-raġunijiet indikati fir-rikors.

13. Fil-kawża **<u>Anthony Borg v. Samwel Veneziani</u>** (Qorti tal-Appell Ċivili, 181/97/01JSP deċiża fit-28 ta’ April 1998) il-Qorti tal-Appell qalet illi

> “*din ic-ċirkustanza hi ħafna rilevanti għaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont reklamat mill-attur kien dovut lilu għal raġunijiet minnu pretiżi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta’ non-kontestazzjoni – ta’ l-istess konvenut.*”

14. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-sentenza **<u>Noel Sultana v. Tony Xerri</u>** (App. Nru. 7/2009/1 PS – 07.07.2010):

> “ *... huwa dejjem ta’ rilevanza li jigi denotat f’kazijiet ta’ din ix-xorta illi l-apprezzament tal-pertinenza u ta’ l-influwenza tal-kapitoli tikkostitwixxi valutazzjoni ta’ natura diskrezzjonali rizervata lill-gudikant fil-mertu... ghalkemm in-nuqqas ta’ twegiba ghal kapitolu taghmel prova posittiva jew argoment indizzjarju ta’ prova, il-valur ta’ din l-istess prova seta’ dejjem jigi mwarrab jekk, fuq l-apprezzament prudenzjali, jinstab li l-oggett tat-talba mhux sufficjentement suffragat minn elementi ohra ta’ prova akkwiziti mill-process.* “

15. Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) qalet ukoll fis-sentenza **<u>James Trapani v. Vincent Cilia</u>** (28.04.2000) illi:

> “*ghalkemm il-kapitoli jitqiesu konfessati pero dan ma jfisserx li l-Qorti kienet obbligata toqghod fuq il-prezunta ammissjoni. Dik il-prova kellha tigi evalwata u meqjusa flimkien ma’ kull prova ohra li sa dak l-istadju setghet kienet diga prodotta quddiem il-Qorti.”*

16. Il-kumpanija rikorrenti ma straħietx biss fuq l-ammissjoni preżunta tal-intimat iżda ressqet ukoll xhud u ċioe lil **<u>Luke Milton</u>**, li fis-seduta tal-20 ta’ Frar 2023[11] spjega l-isfond tar-relazzjoni kuntrattwali li kien hemm bejn il-partijiet u fost affarijiet oħra kkonferma li l-bilanċ mitlub kien għadu dovut.

17. Il-Qorti hija għalhekk iżjed minn sodisfatta illi l-intimat huwa debitur tal-kumpanija rikorrenti fis-somma mitluba. Fir-rigward ta’ spejjeż il-Qorti però tara li ma tistax

---

[11] Fol 35-37

takkolji t-talba sabiex tikkundanna lill-intimat iħallas ukoll l-ispejjeż tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju stante illi ma tressqet l-ebda prova tiegħu li setgħet tikkonsisti imqar fin-numru uffiċjali tiegħu u fid-data ta' meta ġie ppreżentat.

**Deċiżjoni**

18. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddisponi minn din il-kawża billi:**

1. **tiddikjara li l-intimat huwa debitur tal-kumpanija rikorrenti fis-somma ta' disat elef, ħames mija u erbgħin euro (€ 9,540) rappreżentanti l-bilanċ tal-prezz tal-vettura Citroen C1 bin-numru ta' reġistrazzjoni LQZ 816 mibjugħa lilu permezz tal-kuntratt ta' "hire purchase" tad-19 ta' Mejju 2020,**

2. **tikkundanna lill-intimat iħallas din is-somma lill-kumpanija rikorrenti bl-imgħax legali dekoribbli mid-data tal-preżentata tar-rikors promotur sad-data tal-effettiv pagament.**

**Bl-ispejjeż tal-kawża kontra l-intimat għajr għal dawk li saru in konnessjoni mal-mandat ta' sekwestru li allegatament ġie ppreżentat fl-2021.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur